MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Numru. 285/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**JAMES VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Vella ta’ 29 sena bin George u Natalina nee’ Agius imwieled il-Pieta fit-2 t’Ottubru 1980,residenti gewwa Flat No 5, Triq Patri Gustin Sant, Binja Santa Venera, Ent G Santa Venera detentur ta’ karta tal-identita’ bi numru 469180 M

Akkuzat talli:

Talli nhar l-24 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’00.30hrs gewwa Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann;

Voluntarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq mutur bi numru ta' regitrazzjoni LIS 900 ta' l-ghamla Kawasaki ghad-dannu ta' Alexander Borg minn San Gwann jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69).

Talli wettaq reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2009 moghtija mill-Magistrat Dr. A G. Vella, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula,

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bhala ricediv b'sentenza definittivi u li ma jistawx jigu mibdula,

Il-Qorti giet mitluba ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Alexander Borg kif jidrilha xieraq skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti ezebiti fl-atti kontra l-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' PS 207 Robert Said jirrizulta illi kienet dahlet telefonata fil-*control room* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija illi kien hemm persuna li kien qed iwettaq hsara fuq xi mutur f'San Gwann. Infatti Alex Borg kien sussegwentament kien ghamel rapport l-Ghassa ta'San Giljan vide MS1 okkorenza.

Spettur Nikolai Sant a fol 28 et seq ikkonferma illi Alex Borg informah illi kien hemm persuna li qaliblu il-mutur tieghu u jtih bis-sieq numru ta'registrazzjoni LIS 900, u li kien gharaf bhala l-imputat.

Borg kien ipproduca stima ta' elf mija hamsa u sittin Ewro u erbgha u sebghin centezmu fi hsarat fuq dan il-mutur. Jirrizulta illi xi sieghat qabel Borg u l-imputat kellhom argument u dwar dan kien hemm proceduri kriminali mad-Distrett tal-Hamrun. Giet ezebita l-istqarrija DOK NS2, fejn l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda, u DOK NS3 l-istima.

Fix-xhieda tieghu a fol 35 et seq , Alexander Borg ikkonfema ix-xhieda tal-Ispettur Sant. Huwa xhed illi kien fil-gallarija tat-tielet sular meta ra lill-imputat iwettaq il-hsarat fuq il-vettura tieghu. Ikkonferma l-enetita tal-hsarat.

Jacqueline Agius ikkonfermat l-istima DOK S a fol 30, tal-hsarat fuq il-mutur Kawasaki ta'Alexander Borg.

PS 157 Brian Mifsud ikkonferma ix-xhieda tas-Surgent 1207. L-istess ghamel PC 759 Terry Mallia a fol 54 et seq.

WPC 207 Christine Calleja ikkonfermat it-telefonata ta'Alexander Borg dwar il-hsara volontarja fuq il-mutur in kwistjoni.

Spettur Nicholai Sant riprodott ezebixxa DOK NSX sentenza fil-konfront tal-imputat.

Spettur Anthony Portelli a fol 69, ikkonferma l-identita tal-imputat Vella fil-konfront tas-sentenza DOK NSX.

Alexander Borg ikkonferma illi kien ghadu ma thallasx ghal-hsarat rigwardanti il-mutur Kawasaki.

Alexander Borg fl-ahhar xhieda tieghu tad-29 ta' Novembru 2011 iddikjara illi huwa ma kienx cert mill-identita tal-persuna illi ra iwettaq il-hsara volontarja fuq il-mutur tieghu, meta hu kien fit-tielet sular fil-gallarija. Hu kien lest li jirtira ir-rapport tieghu minhabba id-dubbji li kellu dwar l-identita tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi ix-xhieda ta’ Alexander Borg, ghal rigward tal-identita tal-persuna li wettaq il-hsara fuq il-mutur Kawasaki fl-24 ta’Marzu 2010, hija krucjali. Alexander Borg, fl-ahhar xhieda tieghu, wera lil Qorti id-dubbji serji tieghu dwar l-identita tal-imputat. Illi in vista ta’ dan id-dubbju serju dwar l-identita tal-imputat, din il-Qorti m’ghandiex alternattiva, ghajr illi issib l-imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------